# San Ġużepp fil-kwadri ta' Ġużeppi Calì

Mario Fenech



Huwa fatt magħruf sew li f'bosta mill-knejjes f'Malta u Għawdex insibu għadd kbir ta' xogħlijiet tal-artist magħruf Ġużeppi Cali. Is-suġġetti ta' dawn ix-xogħlijiet huma ħafna u minnhom joħorġu fid-deher il-kapaċitajiet artistiċi kbar li kellu dan l-artist li għex bejn l-1846 u l-1930.



*Kwadru tal-artal ta' San Ġużepp fil-knisja ta' San Gejtanu fil-Ħamrun*



*Kwadru titulari fil-knisja parrokkjali tal-Kalkara*



Kwadru tas-Sagra Familja
fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Ħal Balzan



Kwadru ta' San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali
fil-knisja parrokkjali tal-Għargħur

F'bosta minn dawn ix-xogħlijiet li għamel f'dawn il-knejjes, Cali pitter ix-xbiha ta' San Ġużepp. Dan il-qaddis kbir patrijarka u patrun tal-knisja universali kien għal qalbu sew, u wara kollox kien imsemmi għalih. Fil-fatt meta Cali pitter lil San Ġużepp dejjem ħareġ xeni mill-isbaħ b'kuluri li kien magħruf sew għalihom, kif ukoll preżentazzjoni mill-aqwa tal-qaddis.

Fil-knisja ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, wieħed jista' jammira x-xogħol mill-isbaħ li għamel fil-kwadru tal-artal dedikat lil San Ġużepp. Kwadri oħra ta' Cali, jinsabu fil-knejjes parrokkjali tal-Kalkara fl-1898 u tal-Qala fl-1899. Dawn iż-żewġ kwadri qegħdin fuq l-artal maġġur tal-knisja b'wieħed minnhom, dak fil-Qala huwa wkoll solennement inkurunat.

Pitter ukoll il-kwadri tas-Sagra Familja għall-Kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Ħal Balzan fl-1907, fil-Kappella tas-Sorijiet tal-Ursolini f'Tas Sliema fl-1910, fil-Knisja ta' Sant Ursola fil-Belt fl-1885 u fil-Bażilika ta' San Ġorġ Martri fil-Belt Victoria fl-1909.

Ma' dawn hemm kwadri oħra ta' San Ġużepp fuq artali laterali fil-Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara, fil-Knisja ta' Santa Skolastika fil-Birgu, fil-Knisja ta' San Ġużepp f'Birżebbuġa, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħad Dingli, fil-Knisja ta' San Bartilmew fil-Għargħur, f'dik tal-Madonna ta' Pompej f'Marsaxlokk u fil-Knisja tal-Lunzjata tal-Patrijiet Karmelitani fl-Imdina. Kien jeżisti wkoll kwadru fil-Knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema li kien intilef meta ġġarrfet parti mill-binja fit-Tieni Gwerra Dinjija, u fil-Knisja ta' San Lawrence f'Għawdex.

Minbarra dawn ix-xogħlijiet, hemm numru ta' xeni oħrajn li fihom tidher ix-xbiha ta' San Ġużepp f'pitturi li jżejnu s-soqfa, koppli, u lunetti ta' diversi knejjes fejn għamel ix-xogħol tiegħu dan l-artist kbir.

Dwar dawn nikteb fil-ħarġa ta' dan il-programm tas-sena d-dieħla.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Furniture
Prop. Joseph Curmi
Kitchens, Bedrooms, Exterior & Interior Doors,
Office Furniture & Balconies

157/8 Industrial Estate
Luqa

Tel: 2141 2123 · Mob: 7941 2123